**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 135/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Alex Borg**

**Illum 18 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Alex Borg, ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben Joseph u Emilia neè Borg, imwieled il-Pietà fis-17 ta' Ġunju 1977, residenti Għajn Kajjet Blk, Fl 14, Misraħ il-Feniċi, Rabat, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 314577(M), talli nhar it-23 ta' Frar 2021 bħall-ħabta tas-2:00p.m. ġewwa l-Belt, Valletta, nhar il-25 ta' Frar 2021 fil-ħinijiet ta' bejn it-8:00p.m. u d-9:00p.m. ġewwa Bormla u nhar il-5 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tat-3:30p.m. ġewwa Bormla, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba Salvina Roberts fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;
2. Kiser obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li ġiet imposta fuqu mill-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., bi ksur ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kiser Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' l-eks-sieħba tiegħu u cioè Salvina Roberts;
4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Salvina Roberts;
5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Salvina Roberts;
6. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri kontra Alex Borg, a benefiċċju ta' Salvina Roberts u l-familjari tagħha u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tipprovdi għall-persuna ta' Salvina Roberts jew sabiex tinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat torbot lil Alex Borg b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2021 a fol. 3 sa' 67 tal-proċess, fosthom iżda mhux limitatament, il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1], il-fedina penali ta' l-imputat[2] u Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' Alex Borg a benefiċċju ta' Salvina Roberts datat 20 ta' Ottubru 2020[3];

Rat li waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2021[4], l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat in-Nota ta' Salvina Roberts ippreżentata fis-16 ta' Marzu 2021 permezz ta' liema tiddikjara li hija *parte civile* f'dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2021;

Semgħet lill-imputat, waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2021, jiddikjara li huwa ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li in vista ta' u in segwitu għall-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni, ir-raba', il-ħames u is-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża jaqblu li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation u taħt Ordni ta' Trattament, entrambe fil-massimu tagħhom u li jinħareġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat;

Rat illi mistoqsi mill-ġdid x'jwieġeb għall-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat reġa' tenna l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu għall-imsemmija żewġ imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 3 tal-proċess.
[2] Fol. 8 tal-proċess.
[3] Fol. 14 tal-proċess.
[4] Fol. 72 tal-proċess.

L-imputat ġie akkużat talli nhar it-23 ta' Frar 2021 bħall-ħabta tas-2:00p.m. ġewwa l-Belt, Valletta, nhar il-25 ta' Frar 2021 fil-ħinijiet ta' bejn it-8:00p.m. u d-9:00p.m. ġewwa Bormla u nhar il-5 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tat-3:30p.m. ġewwa Bormla, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lill-eks sieħba Salvina Roberts fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali; (2) kiser obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li ġiet imposta fuqu mill-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., bi ksur ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) kiser Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' l-eks-sieħba tiegħu u cioè Salvina Roberts; (4) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Salvina Roberts; (5) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Salvina Roberts; (6) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda fit-tieni seduta miżmuma f'dawn il-proċeduri, ossia fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2021, l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat u konsegwentement għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat bl-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u minnu ammessi, il-fedina penali ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri u ħadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri[5], minn liema jirriżulta li l-imputat isofri min schizoaffective condition u jeħtieġ moniteraġġ strett u trattament kontinwu għal din il-kondizzjoni anke biex tiġi evitata l-possibilità li l-imputat jerġa' jwettaq reati oħra simili għal dawk odjerni.

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat in kwantu dawn ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 251A, 251H, 251HA u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ittenni li fuq ammissjoni tiegħu stess issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi assigurat il-moniteraġġ strett u trattatment adegwat ta' l-imputat għall-kondizzjoni li jsofri minnha, ossia schizoaffective

[5] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2021.

condition, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-istess imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li huwa jifhem l-effett ta' l-Ordni ta' Probation hawn imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel reat ieħor tul il-perijodu ta' din l-Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati minnu ammessi f'dawn il-proċeduri.

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta Probation mogħti llum jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Il-Qorti in oltre tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jingħata t-trattament u kura meħtieġa minħabba fi u għall-kondizzjoni li jsofri minnha, ossia schizoaffective condition, u sabiex jiġi segwit mill-qrib minn psikjatra. Għal tali għan, anke fid-dawl ta' dak li rriżulta mix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, il-Qorti qed tappunta lill-istess Psikjatra Dr. Joseph Spiteri sabiex matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament hawn impost fuq l-imputat huwa jsegwi lill-imputat u jagħtih dik il-kura u trattament meħtieġ biex tiġi indirizzata l-schizoaffective condition li jsofri minnha.

Kopja ta' l-Ordni ta' Trattament għandha tiġi komunikata lill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Salvina Roberts. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Tali Ordni ta' Trażżin qed jiġi hawn impost taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè li f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef

Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In fine ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Salvina Roberts, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kisr il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) li għaliha obbliga ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**